MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 82/2010

**Daniel Galea**

**vs**

**Mediterranean Broadcasting Equipment Ltd (C23047)**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimate ghall-hlas tas-somma ta’ sebat elef, u disa` u disghin Ewro (€7,099.00), liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ salarju ghax-xhur ta’ Marzu, April, Mejju, Gunju u Lulju 2007, liema bilanc minkejja diversi interpellazzjonijiet ghadu dovut lill-esponenti ghaz-zmien li ghamel fl-impjieg tas-socjeta` intimate, u dana skond il-prospett anness u immarkat bhala Dok A;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2007, kontra s-socjeta` intimate minn issa ingunta in subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx,
la fis-26 ta' Ottubru tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tikkundanna lis-socjeta` intimata Mediterranean Broadcasting Equipment Limited thallas is-somma ta' sebat elef, u disa u disghin Ewro (€7,099.00) lir-rikorrent Daniel Galea;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra is-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------